MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1099/1997/1

**Emanuel Vassallo bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza ta' Emmdor Limited.**

**-vs-**

**Victor u Concetta Vincenza sive Connie konjuġi Muscat u b'digriet tat-23 ta' Frar, 2000 ġie kjamat in kawża rappreżentant tad-Dipartiment ta' l-Artijiet.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-15 ta' Mejju, 1997 li permezz tagħha l-attur nomine ippremetta:

Illi l-attur nomine hu proprjetarju ta' territorju magħruf bħala

“Ta’ Nawċiera”, fil-Qawra, fuq parti minn liema territorju l-attur żviluppa *boathouses*;

Illi l-konvenuti huma proprjetarji ta’ waħda mill-*boathouses* żviluppati mill-attur nomine;

Illi mill-*boathouse* in kwistjoni proprjeta’ tal-konvenuti kien infetaħ bieb laterali għal fuq art mhux żviluppata li tagħmel parti mit-territorju proprjeta’ tal-attur nomine, u dana mingħajr ebda dritt;

Illi l-attur nomine stitwixxa kawża kontra l-konvenuti nomine u b’sentenza tat-23 ta’ Ottubru, 1995, il-konvenuti nomine ġew ordnati jagħlqu l-istess bieb;

Illi l-konvenuti għalqu l-bieb in kwistjoni pero’ fil-mori fetħu xatba f’post ieħor u għamlu tinda fuq *pipes* tal-ħadid, dejjem fil-proprjeta’ tas-soċjeta’ attriċi;

Illi l-konvenuti, interpelalti ripetutament biex ineħħu l-istess xatba u tinda baqgħu inadempjenti nonostante ittra interpellatorja tal-21 ta’ Novembru, 1995 u ittra uffiċjali tad-19 ta’ Jannar, 1996;

Għalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex;

1. tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom iffissat, jagħmlu x-xogħolijiet neċessarji sabiex ineħħu x-xatba li tagħti għal fuq l-art tal-attur nomine u fl-istess terminu jneħħu t-tinda, *pipes* u materjal ieħor minnhom impoġġi fil-proprjeta’ tal-attur nomine;

2. tawtorizza lill-attur nomine sabiex fin-nuqqas li l-konvenut jagħmlu x-xogħolijiet hekk ordnati fiż-żmien stipulat, jagħmel ix-xogħolijiet neċessarji l-attur nomine a spejjeż tal-konvenuti.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-19 ta' Jannar, 1996 u tal-ittra interpellatorja tal-21 ta' Novembru, 1995, bir-riserva tal-azzjoni għad-danni fil-konfront tal-konvenuti u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fis-17 ta' April, 1998 li permezz tagħha eċċepew;

1. Illi in linea preliminari l-azzjoni odjerna hija karenti minn fondament ġuridiku stante li ma hemm l-ebda interess ġuridiku ta' l-attur biex jippromwovi l-kawża.

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni s-soċjeta' attriċi għandha tipprova t-titolu tagħha stante illi hija mhix il-proprjetarji tal-art fejn hemm l-allegata xatba iżda huwa d-Dipartiment tal-Artijiet.

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-proċess mhux integru mingħajr il-kjamata fil-kawża tad-Dipartiment tal-Artijiet.

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi mhux minnu li l-konvenuti fetħu jew poġġew xi xatba f'xi parti proprjeta' ta', jew li tagħti għal fuq proprjeta', tas-soċjeta' attriċi kif qiegħed jiġi minnha allegat u dak li huma għamlu kien sempliċement bidlu waħda qadima gia' eżistenti ma' waħda ġdida li tagħti għal fuq triq pubblika u dan kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

5. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenuti xtraw l-istabbli mingħand terzi u

dan fil-forma illi jinsabu fiha llum u għaldaqstante kwalunkwe azzjoni, *se mai*, kellha tittieħed qabel kontra l-proprjetarju mingħand minn akkwistaw il-konvenuti.

6. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, u dan għar-raġunijiet mogħti fl-eċċezzjonijiet preċedenti, il-konvenuti ma humiex il-leġittimi kontradittури tas-soċjeta' attriċi u għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda kontra tagħha bl-ispejjeż.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tat-23 ta' Frar, 2000 illi permezz tiegħu ġiet ordnata l-kjamata in kawża tad-Dipartiment tal-Artijiet.

Rat ir-relazzjoni ta' l-AIC Joseph Ellul Vincenti.

Rat in-nomina tal-periti perizjuri u rat id-digriet tad-9 ta' Mejju, 2003 li permezz tiegħu ġie rtirat l-inkarigu lill-istess periti perizjuri.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet.

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tal-5 ta' Lulju, 2006, u kif ukoll dawk precedenti, li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jirreklamaw illi l-konvenuti abusivament fetħu xatba li tagħti għal fuq l-art tagħhom u għalhekk qed jitolbu li din tingħalaq. Din għalhekk hija azzjoni rivendikatorja.

Hu magħruf tradizzjonalment illi f'kawża simili l-attur irid

jipprova t-titolu tiegħu mingħajr ebda ombra ta' dubbju – ara per eżempju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fl-1958 fil-kawża fl-ismijiet Borg vs Buhagiar. F'dik il-kawża intqal illi kwalunkwe dubbju għandu *jimmilita favur il-konvenut possessur.* Din hija biss eżempju għaliex hemm diversi sentenzi oħra simili. Wieħed jista' jsib rassenja dettaljata tagħhom fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet Anthony Mercieca vs Anthony Buhagiar fit-23 ta' Ottubru, 2001 (Onor. Imħallef R Pace). Fiha ġie ċitat ukoll l-awtur Torrente li qal hekk;

"*La rivendicazione e' la principale delle azioni petitorie ed e' concessa a favore di colui che si afferma propietario di un bene, ma non avendo il possesso, ne pretende la consegna da colui che lo possiede o detiene. L'attore in ocnformita' delle regole generali, ha l'onere di dimostrare il suo diritto; percio' se l'acquisto non w'a titolo originario. Ha l'onere di dare la prova del suo titolo di acquisto dei precedenti titolari fino ad arrivare ad un acquisto a titolo originale. A voler andare all' infinoto, la prova sarebbe, se non addirittura impossibile, estremamente difficile (gli antichi parlavano di probatio diabolica).*"

Fis-snin riċenti din il-pożizzjoni ċċaqalqet xi ftit tant illi l-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijet John Vella et vs Sherlock Camilleri, mogħtija fit-12 ta' Diċembru, 2002, addottat pożizzjoni kemmxejn differenti billi qalet illi; "*Il-Qrati tagħna, konsapevoli bid-diffikolta' li ssir tali prova u fl-interess tal-ġustizzja aċċettaw il-possibilta' li l-attur jirnexxi fil-kawża li jagħmel in forza tal-actio publicana. Hekk fil-kawża* Attard nomine vs Fenech *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1875 (Vol VII p 390) osservat, 'che l'azione intentaa dell'atore nel suo libello quale procuratore dell'assente Angelo Zarb e' duplice, la rivendocaoria e la publicana, giusta i principii della leggeromana; colla prima l'attore deve provare di aver il dominio della cosa che vuole rivendiċare; colla seconda di*

*averne avuto il possesso e di possederla il convenuto con un diritto minore e piu' debole del suo. Che e' ricevuto nel foro che le dette due azioni si possono cumulare ed esercitare alternattivamente, nonostante che anche tendono allo stess oggetto.*" (Ara wkoll Fenech vs Debono – Prim'Awla 14 ta' Mejju, 1935).

Dan ir-raġunement huwa ta' utilita' konsiderevoli f'din il-kawża għaliex l-allegazzjoni prinċipali tal-konvenuti hija li l-atturi ma għandhomx it-titolu li qed jgħidu li għandhom; fil-fatt għalhekk talbu u ottjenew mill-Qorti l-permess li jsejjħu fil-kawża lid-Dipartiment tal-Artijiet.

Qabel pero' wieħed jidħol iktar fuq dan il-punt irid jiġu osservati dettaljatament il-konklużjonijiet tal-perit tekniku. Il-Qorti qed tirriproduċihom kif saru;

"*Is-sottoskritt għamel tracing Dok JEFV/1 tal-pjanta attaċjata mal-kuntratt ta' allwist tal-11 ta' Diċembru, 1987* (meta l-attur xtara l-proprjeta') *a fol 21 li turi l-wisgħa tal-ħitan tal-għalqa akkwistata u dettalji oħra neċessarji u għamel superimposition fuq is-survey ta' Randolph Camilleeri a fol 59 u meta qabbel dawn it-tnejn flimkien u speċjalment meta rabat il-punti CD fuq DOK JEV/1 ma' punti CD fuq il-pjanta l-oħra, cioe' survey ta' Randolph Camilleri jirriżulta li l-attur beda l-garages fuq art tiegħu bla ma utilizza l-wisgħa tal-hajt tas-sejjieħ tant li baqa' strixxa art ABCE DOK JEV/2 li hi tal-attur cioe' strixxa ta' ċirka erba' pieid wisa'. It-trianglu ADE fuq id-dokument JEV/2 turi art tal-kjamat in kawża u cioe' il-Lands Department.*"

Il-konklużjonijiet tal-perit tekniku allura ma jħallu lok għal ebda dubbju allura li l-art li l-attur nomine qed jallega li fuqha saret l-intrużjoni bix-xatba msemmija hija tiegħu. Ċertament il-konvenut ma għandu ebda titolu, tant li wieħed jista' jinnota anke min-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu illi jikkonċentra fuq it-titolu tal-attur u jattakka l-istess titolu billi jinsisti li l-art

mhix tiegħu izda tal-kjamat in kawża. Ċertament fuq l-iskorta tas-sentenza msemmija Vella vs Camilleri wieħed jista' jieqaf hawn. Iżda anke li kieku wieħed jinvestiga t-titolu tal-attur nomine, il-konklużjoni tista' biss tkun waħda u cioe' li l-attur ipprova t-titolu tiegħu permezz tal-perizja teknika u ma hemmx lok għal iktar argumenti.

**Għal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-attur nomine u għall-fini ta' l-ewwel talba tordna li x-xogħol isir fi żmien xahrejn; ix-xogħol għandu jsir dejjem taħt is-superviżjoni ta' l-AIC Joseph Ellul Vincenti.**

**L-ispejjeż kollha tal-kawża, kompriżi dawk tal-imsejjaħ fil-kawża, jitħallsu wkoll mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------